## Parlament Ewropew

2014-2019

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

**2015/0269(COD)**

28.4.2016

# EMENDI
# 304 - 579

**Abbozz ta' rapport**
**Vicky Ford**
(PE578.822v01-00)

proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

Proposta għal direttiva
(COM(2015)0750 – C8-0358/2015 – 2015/0269(COD))

**Emenda 304**
**Dita Charanzová, Hilde Vautmans, Kaja Kallas, Antanas Guoga, Petr Ježek**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – punt -aa (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1a

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) L-Artikolu 1(1a) jitħassar.*** |

Or. en

**Emenda 305**
**Boris Zala**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1a

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) L-Artikolu 1(1a) jitħassar.*** |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:31991L0477&from=MT)*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposti għall-emenda tal-Artikolu 1, paragrafu 1b, li jiddefinixxi "komponenti essenzjali", jagħmlu d-definizzjoni ta' "partijiet" superfluwi. Kull distinzjoni oħra bejn partijiet u komponenti essenzjali ssir ambigwa u tista' tikkawża problemi ta' interpretazzjoni.*

**Emenda 306**
**Olga Sehnalová, Pavel Poc, Miroslav Poche**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt aa (ġdid)**

Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1a

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) L-Artikolu 1(1a) jitħassar.*** |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:01991L0477-20080728&from=CS)*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposti għall-emenda tal-Artikolu 1, paragrafu 1b, li jiddefinixxi "komponenti essenzjali", jagħmlu d-definizzjoni ta' "partijiet" superfluwi. Kull distinzjoni oħra bejn partijiet u komponenti essenzjali ssir ambigwa u tista' tikkawża problemi ta' interpretazzjoni.*

**Emenda 307**
**Elisabetta Gardini, Lara Comi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1a

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) L-Artikolu 1(1a) jitħassar.*** |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32008L0051)*

**Emenda 308**
**Robert Jarosław Iwaszkiewicz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, |

| | |
|---|---|
| "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta*, **u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom**.* | "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta. |

Or. pl

**Emenda 309**
**Dita Charanzová, Gesine Meissner, Antanas Guoga, Petr Ježek**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas**,** ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, ***u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar*** ta' arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, ***iċ-chamber, il-bodi,*** il-qafas ***jew*** ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, ***jew mekkaniżmu ieħor ta' qbid u appoġġ tal-parti ta' quddiem tal-iskartoċ biex fih tinżamm il-pressjoni tal-iskariku fuq in-naħa ta' wara taċ-chamber ta'*** arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Partijiet minn mekkaniżmu tal-kulatta li għandhom jitqiesu komponenti essenzjali ma għandhomx jinkludu partijiet bħall-pin tal-isparar jew l-estrattur. Dawn għandhom ikun partijiet li huma mgħammra biex jirreżistu l-pressjoni tal-isparar.*

**Emenda 310**
**Mylène Troszczynski, Franz Obermayr, Harald Vilimsky, Lorenzo Fontana, Bruno Gollnisch, Philippe Loiseau, Gilles Lebreton, Marie-Christine Boutonnet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, ***u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar, li billi huma*** oġġetti separati***, huma*** inklużi ***fil-kategorija tal-armi tan-nar*** li ***jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom***. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta**.** Oġġetti separati ***bħal dawn għandhom jiġu*** inklużi ***fl-istess kategorija bħal dik*** li ***l-armi huma kklassifikati fiha***. |

Or. en

**Emenda 311**
**Jiří Maštálka, Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, ***u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar*** ta' arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, ***iċ-chamber,*** il-qafas,***il-bodi,*** ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, ***jew mekkaniżmu ieħor ta' qbid u appoġġ tal-parti ta' quddiem tal-iskartoċ biex fih tinżamm il-pressjoni tal-iskariku fuq in-naħa ta' wara taċ-chamber ta'*** arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li |

| | |
|---|---|
| | jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

**Emenda 312**
**Olga Sehnalová, Pavel Poc, Miroslav Poche**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, ***u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar*** ta' arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, ***iċ-chamber,*** il-qafas***, il-bodi,*** ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, ***jew mekkaniżmu ieħor ta' qbid u appoġġ tal-parti ta' fuq tal-iskartoċ biex fih tinżamm il-pressjoni tal-iskariku fuq in-naħa ta' wara taċ-chamber ta'*** arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Partijiet minn mekkaniżmu tal-kulatta li għandhom jitqiesu komponenti essenzjali ma għandhomx jinkludu partijiet bħall-pin tal-isparar jew l-estrattur. Dawn għandhom ikun partijiet li huma mgħammra biex jirreżistu l-pressjoni tal-isparar.*

**Emenda 313**
**Marian Harkin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1, punt 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta***, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar***, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The Commission proposal is unclear and leads to legal uncertainty. Following a strict interpretation of the rules concerning "essential components" would subject sound moderators to the requirements of an authorisation or declaration on the same basis as the firearm to which they are mounted. Moreover, sound moderators would need to be deactivated together with the firearm to which they are mounted, so that they can no longer be separately used for different firearms. This creates an anomaly, because, as it is possible to use the same sound moderator on a rimfire rifle or on an air rifle, the moderator may change from being un-certificated to being a firearm subject to authorisation. Consequently, one particular sound moderator can be mounted on firearms from various categories and can therefore not be classified as suggested. The proposal is technically erroneous because sound moderators do not affect the functionality of firearms nor do they, as such, pose a danger to the security of EU citizens. Sound moderators serve to protect the hearing of hunters and sport shooters (and their dogs) by reducing a firearm's peak (harmful) noise by 15-30dB and are therefore increasingly used and allowed in the EU Member States. A further issue is that, because moderators would be registered as "firearms", the number of recorded firearms is artificially inflated by a substantial proportion.*

**Emenda 314**
**Anna Maria Corazza Bildt, Andreas Schwab, Ildikó Gáll-Pelcz, Roberta Metsola, Elisabetta Gardini, Lara Comi, Lambert van Nistelrooij, Jeroen Lenaers, Annie Schreijer-Pierik, Stefano Maullu**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta***, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar***, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ta' komponenti essenzjali għandha tkopri biss dawk il-komponenti li huma kritiċi għall-funzjonament ta' arma tan-nar.*

**Emenda 315**
**Christofer Fjellner**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta***, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar***, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

**Emenda 316**
**Richard Sulík, Jussi Halla-aho, Tomáš Zdechovský, Bernd Kölmel, Ulrike Trebesius, Joachim Starbatty, Anders Primdahl Vistisen, Jørn Dohrmann, Bernd Lucke, Angel Dzhambazki, Branislav Škripek, Petr Mach, Ivan Štefanec, Eduard Kukan, Edward Czesak, Anna Elżbieta Fotyga, Tomasz Piotr Poręba, Hans-Olaf Henkel, Jan Zahradil, Dita Charanzová, Timothy Kirkhope**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta***, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar***, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-silenzjaturi (moderaturi tal-ħoss) ma jaffettwawx il-funzjonalità tal-armi tan-nar, b'hekk ma għandhomx jiġu kklassifikati bħala komponenti essenzjali. Il-moderaturi tal-ħoss ma jeliminawx il-ħoss ta' sparatura iżda sempliċement inaqqsu l-akbar storbju tagħha b'15-30 dB biex ma tikkawżax dannu għas-smigħ ta' tiratur jew kelb tal-kaċċa.*

**Emenda 317**
**Angel Dzhambazki, Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 16

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1б. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta***, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar***, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1б. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. bg

**Emenda 318**
**Kaja Kallas**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta***, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar***, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

**Emenda 319**
**Karl-Heinz Florenz, Bendt Bendtsen, Annie Schreijer-Pierik, Angelika Niebler, James Nicholson, Dieter-Lebrecht Koch, Markus Ferber, Boris Zala, Markus Pieper**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta***, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar***, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tikkorrispondi b'mod sħiħ għall-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar, li l-proposta tixtieq timplimenta - l-ebda element ma għandu jiżdied mal-lista ta' komponenti essenzjali. Il-proposta tal-Kummissjoni tagħmel is-silenzjaturi soġġetti għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni jew dikjarazzjoni fuq l-istess bażi bħal dik tal-arma tan-nar li fuqha huma mmuntati. Barra minn hekk, is-silenzjaturi jeħtieġu li jiġu diżattivati flimkien mal-arma tan-nar li huma mmuntati fuqha, biex b'hekk dawn ma jkunux jistgħu jintużaw aktar b'mod separat għal armi tan-nar differenti.*

**Emenda 320**
**Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta***, u kull apparat ieħor imfassal jew*** | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, li billi huma oġġetti separati, huma |

| | |
|---|---|
| adattat ***biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar***, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-silenzjaturi mhumiex parti essenzjali.*

**Emenda 321**
**Marlene Mizzi, Alfred Sant**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat ***biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar***, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, ***il-kompartiment tal-iskrataċ*** u kull apparat ieħor imfassal jew adattat ***b'tali mod li l-arma tan-nar ma tistax tispara tiri, balal jew missili u***, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

**Emenda 322**
**Ildikó Gáll-Pelcz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**

Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta***, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar***, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ***il-bodi,*** ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Moderatur tal-ħoss partikolari jista' jiġi mmuntat fuq armi tan-nar minn diversi kategoriji u għalhekk ma jistax jiġi kklassifikat kif suġġerit.*

**Emenda 323**
**Sergio Gaetano Cofferati, Virginie Rozière, Evelyne Gebhardt, Liisa Jaakonsaari, Catherine Stihler, Marc Tarabella, Maria Grapini, Josef Weidenholzer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, ***u kull apparat*** ieħor ***imfassal jew adattat*** biex ***inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar*** ta' arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, ***iċ-chamber, il-loader,*** il-qafas, ***il-bodi,*** ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta***, jew mekkaniżmu*** ieħor biex ***fih tinżamm il-pressjoni tal-iskariku fuq in-naħa ta' wara taċ-chamber ta'*** arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu |

mmuntati fuqhom.

Or. en

**Emenda 324**
**Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, ***il-loader, iċ-chamber,*** il-qafas***, il-bodi***, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. en

**Emenda 325**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, ***u kull apparat*** ieħor ***imfassal jew adattat*** biex ***inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar*** ta' arma tan-nar, li billi huma | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ***il-bodi,*** ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta***, jew mekkaniżmu*** ieħor biex ***fih tinżamm il-pressjoni tal-iskariku fuq in-naħa ta' wara taċ-chamber ta'*** |

oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom.

arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom.

Or. en

**Emenda 326**
**Louis Michel, Gérard Deprez, Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. | 1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" tfisser il-kanna tal-arma tan-nar, il-qafas, ir-riċevitur, ***il-howlder tal-iskrataċ,*** is-slajd jew iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, u kull apparat ieħor imfassal jew adattat biex inaqqas il-ħoss maħluq mill-isparar ta' arma tan-nar, li billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom. |

Or. fr

**Emenda 327**
**Lucy Anderson, Catherine Stihler**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu | 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "negozjant" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew |

kemm hu jew parzjalment ***fix-xiri***, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew ***fl-esportazzjoni*** għal pajjiż terz ta' armi kompletament assemblati***, tal-partijiet u tal-munizzjon tagħhom.***

parzjalment ***fi kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:***

***(a) ix-xiri***, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew ***l-importazzjoni minn jew l-esportazzjoni*** għal pajjiż terz ta' armi kompletament assemblati***;***

***(b) ix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew l-importazzjoni minn jew l-esportazzjoni lejn pajjiż terz ta' komponenti ta' armi tan-nar;***

***(c) ix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew l-importazzjoni minn jew l-esportazzjoni għal pajjiż terz ta' munizzjon;***

Or. en

**Emenda 328**
**Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment ***fix-xiri***, ***il-bejgħ*** jew ***l-arranġament*** tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew ***fl-esportazzjoni*** għal pajjiż terz ta' ***armi kompletament assemblati, tal-partijiet u tal-munizzjon tagħhom***. | 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, ***jew sħubija residenti fi Stat Membru,*** minbarra negozjant ***jew ix-xerrej,*** li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti***,*** kollu kemm hu jew parzjalment***, fil-faċilitazzjoni, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk le, in-negozjati jew organizzazzjoni ta' tranżazzjonijiet għall-fini ta' xiri***, ***bejgħ*** jew ***arranġament*** tat-trasferiment ***ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali jew munizzjon*** fi Stat Membru, |

| | |
|---|---|
| | minn Stat Membru għal ieħor***, minn Stat Membru*** għal pajjiż terz ***jew minn pajjiż terz għal Stat Membru***. |

Or. en

**Emenda 329**
**Robert Jarosław Iwaszkiewicz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment fix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment ***fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew fl-esportazzjoni għal pajjiż terz*** ta' armi ***kompletament assemblati***, ***tal-partijiet*** u ***tal-munizzjon*** tagħhom. | 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment fix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment ta' armi ***tan-nar, il-komponenti essenzjali*** u ***l-munizzjon*** tagħhom. |

Or. pl

**Emenda 330**
**Richard Sulík, Jussi Halla-aho, Tomáš Zdechovský, Bernd Kölmel, Ulrike Trebesius, Joachim Starbatty, Anders Primdahl Vistisen, Jørn Dohrmann, Bernd Lucke, Angel Dzhambazki, Branislav Škripek, Daniel Dalton, Petr Mach, Ivan Štefanec, Eduard Kukan, Anna Elżbieta Fotyga, Edward Czesak, Tomasz Piotr Poręba, Hans-Olaf Henkel, Jan Zahradil, Dita Charanzová, Timothy Kirkhope**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew | 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew |

| | |
|---|---|
| ġuridika, minbarra negozjant, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment fix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew fl-esportazzjoni għal pajjiż terz ta' armi kompletament assemblati, tal-partijiet u tal-munizzjon tagħhom. | ġuridika, minbarra negozjant, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment fix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew fl-esportazzjoni għal pajjiż terz ***jew l-importazzjoni lejn Stat Membru minn pajjiż terz*** ta' armi kompletament assemblati, tal-partijiet u tal-munizzjon tagħhom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx raġuni għalfejn l-importazzjoni ta' armi tan-nar minn pajjiżi terzi lejn Stat Membru ma tiġix inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' attività ta' sensar.*

**Emenda 331**
**Dita Charanzová, Marian Harkin, Hilde Vautmans, Kaja Kallas, Antanas Guoga, Petr Ježek**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment fix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew fl-esportazzjoni għal pajjiż terz ta' armi kompletament assemblati, tal-partijiet u tal-munizzjon tagħhom. | 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant***, l-aġenti u r-rappreżentanti tiegħu***, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment fix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew fl-esportazzjoni għal pajjiż terz ta' armi kompletament assemblati, tal-partijiet u tal-munizzjon tagħhom. |

Or. en

**Emenda 332**
**Anna Maria Corazza Bildt, Ildikó Gáll-Pelcz, Roberta Metsola, Elisabetta Gardini, Lara Comi, Annie Schreijer-Pierik, Stefano Maullu**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment fix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew fl-esportazzjoni għal pajjiż terz ta' armi kompletament assemblati, tal-partijiet u tal-munizzjon tagħhom. | 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant***, l-aġenti u r-rappreżentanti tiegħu***, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment fix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew fl-esportazzjoni għal pajjiż terz ta' armi kompletament assemblati, tal-partijiet u tal-munizzjon tagħhom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk negozjant għandu awtorizzazzjoni, l-aġenti jew ir-rappreżentanti tiegħu ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala sensara.*

**Emenda 333**
**Marcus Pretzell**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment fix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat | 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment fix-xiri, il-bejgħ***, is-self, il-kiri*** jew l-arranġament tat- |

| | |
|---|---|
| Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew fl-esportazzjoni għal pajjiż terz ta' armi kompletament assemblati, tal-partijiet u tal-munizzjon tagħhom. | trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew fl-esportazzjoni għal pajjiż terz ta' armi kompletament assemblati, tal-partijiet u tal-munizzjon tagħhom. |

Or. de

**Emenda 334**
**Marlene Mizzi, Alfred Sant**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment fix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew fl-esportazzjoni għal pajjiż terz ta' armi kompletament assemblati, ***tal-partijiet*** u tal-munizzjon tagħhom. | 1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant, li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment fix-xiri, il-bejgħ jew l-arranġament tat-trasferiment fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor jew fl-esportazzjoni għal pajjiż terz ta' armi kompletament assemblati, ***inkluż tal-komponenti essenzjali*** u tal-munizzjon tagħhom. |

Or. en

**Emenda 335**
**Marlene Mizzi, Alfred Sant, Roberta Metsola**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt ba (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***1ea. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "kollettur" tfisser kull persuna fiżika jew*** |

***ġuridika, minbarra negozjant jew sensar, li tiddedika ruħha għall-konservazzjoni u l-istudju akkademiku jew prattiku ta' armi tan-nar, munizzjoni u artifatti assoċjati għal finijiet storiċi, kulturali, xjentifiċi, tekniċi, edukattivi, estetiċi jew ta' wirt, u li bħala tali hija liċenzjata u rreġistrata f'reġistru pubbliku fl-Istat Membru rilevanti biex takkwista, iżżomm jew tkun fil-pussess ta' armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom. Kollettur ma għandux jittrasporta jew jesponi pubblikament armi tan-nar mill-kollezzjoni tiegħu jew parti minnha mingħajr permess mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istati Membri."***

Or. en

**Emenda 336**
**Birgit Collin-Langen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt ba (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Il-paragrafu li ġej huwa miżjud:*** |
| | ***"1ea. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li turi li l-armi tan-nar jew il-munizzjon huma meħtieġa għal kollezzjoni kulturalment sinifikanti; kollezzjoni ta' oġġetti xjentifikament u/jew teknoloġikament interessanti għandha titqies ukoll bħala kulturalment sinifikanti."*** |

Or. de

**Emenda 337**
**Igor Šoltes**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt ba (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1ea (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ba) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***1ea. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "kollettur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika ddedikata għall-ġbir u l-konservazzjoni ta' armi tan-nar u artifatti assoċjati, u li hija rikonoxxuta u rreġistrata bħala tali minn Stat Membru."*** |

Or. en

**Emenda 338**
**Louis Michel, Gérard Deprez, Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt ba (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1ea (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***ba) Jiżdied dan il-paragrafu:*** |
| | ***"1ea. L-Istati Membri li joħolqu jew ħolqu status speċifiku għall-kolletturi jiddefinixxu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li japplikaw għalihom."*** |

Or. fr

**Emenda 339**
**Philippe Juvin, Brice Hortefeux, Rachida Dati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt ba (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1ea (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***ba) Jiżdied dan il-paragrafu:*** |
| | ***"1ea. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "kollettur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tiġbor u żżomm armi tan-nar u komponenti oħra u li hija rikonoxxuta bħala tali mill-awtoritajiet nazzjonali ta' Stat Membru."*** |

Or. fr

**Emenda 340**
**Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt ba (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1ea (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ba) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***1ea. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "mużew" tfisser istituzzjoni permanenti mingħajr skop ta' qligħ fis-servizz tas-soċjetà u l-iżvilupp tagħha, miftuħa għall-pubbliku, li takkwista, tikkonserva, tirriċerka u tesebixxi armi tan-nar, partijiet ta' armi tan-nar u munizzjon għall-finijiet ta' edukazzjoni, studju u tgawdija."*** |

Or. en

**Emenda 341**
**Maria Grapini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt ba (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Il-punt li ġej huwa miżjud:*** |
| | ***"1ea. Fis-sens ta' din id-Direttiva, "mużew" tfisser istituzzjoni mingħajr skop ta' profitt u hija permanenti fis-servizz tas-soċjetà u l-iżvilupp tagħha, miftuħa għall-pubbliku, li takkwista, tikkonserva, tirriċerka u tesebixxi armi tan-nar, komponenti tagħhom u munizzjon għall-finijiet ta' edukazzjoni, studju u tgawdija."*** |

Or. ro

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija d-definizzjoni ta' mużew mogħtija mill-Kunsill Internazzjonali tal-Mużewijiet, kif aġġustata skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*

**Emenda 342**
**Marlene Mizzi, Alfred Sant**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt bb (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***1eb. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "mużewijiet" għandha tfisser istituzzjonijiet permanenti fis-servizz tas-soċjetà u l-iżvilupp tagħha, miftuħa għall-pubbliku, li jakkwistaw, jikkonservaw, jirriċerkaw u jesebixxu armi tan-nar, komponenti essenzjali tagħhom u munizzjon għall-finijiet ta' ġbir, konservazzjoni u studju akkademiku jew prattiku, munizzjon u artifatti assoċjati għal finijiet storiċi, kulturali, xjentifiċi, tekniċi, edukattivi, estetiċi jew ta' wirt."*** |

Or. en

**Emenda 343**
**Birgit Collin-Langen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt bb (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1eb (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) Il-paragrafu li ġej huwa miżjud:*** |
| | ***"1eb. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "mużew" tfisser faċilità permanenti privata jew istituzzjoni mmexxija minn korp pubbliku jew privat fis-servizz tas-soċjetà u tal-iżvilupp, li hija miftuħa għall-pubbliku u li takkwista, iżżomm, tistudja u tesebixxi armi, komponenti ewlenin ta' armi u munizzjon għall-finijiet ta' riċerka, edukazzjoni u ta' divertiment."*** |

Or. de

**Emenda 344**
**Philippe Juvin, Brice Hortefeux, Rachida Dati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt bb (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1eb (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***bb) Jiżdied dan il-paragrafu:*** |
| | ***"1eb. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "mużew" tfisser istituzzjoni permanenti mingħajr skop ta' qligħ għas-servizz tas-soċjetà u tal-iżvilupp tagħha miftuħa għall-pubbliku, li takkwista, tikkonserva, tistudja, tesponi u tittrażmetti l-wirt tanġibbli u mhux tanġibbli tal-umanità u tal-ambjent tagħha għal finijiet ta' studju,*** |

***edukazzjoni u tgawdija."***

Or. fr

**Emenda 345**
**Robert Jarosław Iwaszkiewicz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt c**
Direttiva 91/477/KEE
Article 1 – point 1f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1f. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "armi tal-allarm u tas-sinjal" tfisser ***l-apparat portabbli b'ħowlder tal-iskrataċ bi żvog għall-gassijiet fuq quddiem, mal-ġenb jew minn fuq,*** li ***hu mfassal u mgħammar speċifikament biex jagħti l-allarm*** jew ***jibgħat sinjal*** u ***li hu mfassal biss biex jispara in bjank, sustanzi irritanti jew sustanzi attivi oħra jew munizzjon piroteknik****u*. | 1f. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "armi tal-allarm u tas-sinjal" tfisser ***armi li mhumiex kapaċi, minħabba d-disinn tagħhom, li jisparaw balal jew projettili iżda*** li ***jistgħu jipproduċu effetti akustiċi jew jistgħu jisparaw sustanzi irritanti, jikkawżaw id-dmugħ*** jew ***sustanzi attivi oħrajn*** u ***jistgħu jitwaħħlu ma' apparat biex jisparaw tiri pirotekniċi***. |

Or. pl

**Emenda 346**
**Vicky Ford, Dita Charanzová**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt c**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
**Kaja Kallas**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt da (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(da) Il-Paragrafu 3 jiġi mibdul b'li ġej:*** |
| "3. Għall-fini ta' din id-Direttiva, persuna tkun meqjusa residenti tal-pajjiż indikat fl-indirizz li jidher fuq dokument li juri l-post tar-residenza tagħha, bħalma hu passaport jew karta ta' l-identità, li meta jsir il-kontroll fuq il-pussess jew l-akkwist, jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru jew lill-kummerċjant. | "3. Għall-fini ta' din id-Direttiva, persuna tkun meqjusa residenti tal-pajjiż indikat fl-indirizz li jidher fuq dokument li juri l-post tar-residenza tagħha, bħalma hu passaport jew karta ta' l-identità, li meta jsir il-kontroll fuq il-pussess jew l-akkwist, jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru jew lill-kummerċjant. ***Jekk indirizz ta' persuna ma jidhirx fuq il-passaport jew karta tal-identità tagħha, il-pajjiż ta' residenza se jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' kwalunkwe prova uffiċjali oħra ta' residenza rikonoxxuta mill-Istat Membru kkonċernat.***" |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A31991L0477)*

**Emenda 402**
**Herbert Dorfmann**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt -2 (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:*** |
| 1. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-ġarr ta' armi, il-kaċċa jew l-isparar fuq bersalji. | 1. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-ġarr ta' armi, il-kaċċa jew l-isparar fuq bersalji. ***Din id-Direttiva ma tapplikax għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew munizzjoni, skont il-liġi nazzjonali, minn kolletturi u korpi interessati fl-aspetti kulturali jew storiċi tal-armi u li huma rikonoxxuti bħala tali mill-Istat Membru li huma stabbiliti fit-territorju tagħhom.*** |

Or. de

**Emenda 403**
**Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija u mill-awtoritajiet pubbliċi. Lanqas ma tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjoni tal-gwerra.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni ta' mużewijiet u kolletturi (rikonoxxuti mill-Istati Membri) fil-kamp ta' applikazzjoni tista' tipperikola partijiet importanti mill-wirt kulturali Ewropew mingħajr ma żżid xejn sinifikanti mas-sigurtà.*

**Emenda 404**
**Othmar Karas, Herbert Dorfmann, Claudia Schmidt, Paul Rübig, Heinz K. Becker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, ***mill-forzi armati,*** mill-pulizija ***u mill-awtoritajiet pubbliċi***. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra. | 2. Din id-Direttiva ma tapplikax għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew munizzjoni, skont il-liġi nazzjonali, ***mill-forzi ta' difiża nazzjonali, li jinkludu l-unitajiet kollha u l-persuni taħt il-kmand tagħhom inkluż il-militar,*** mill-pulizija ***jew minn kolletturi u korpi interessati fl-aspetti kulturali u storiċi tal-armi u li huma rikonoxxuti bħala tali mill-Istat Membru li huma stabbiliti fit-territorju tiegħu***. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dan jappoġġja l-Emenda 34 imressqa minn Vicky Ford, filwaqt li tiddaħħal referenza għall-korpi kkonċernati mill-aspetti kulturali u storiċi tal-armi bħala benefiċjarji possibbli tal-eċċezzjonijiet għar-regoli. Bħal fil-verżjoni oriġinali, dawn il-korpi għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda riperkussjoni dannuża għall-mużewijiet li jżommu kollezzjonijiet ta' armi storiċi.*

**Emenda 405**
**Angel Dzhambazki, Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija u mill-awtoritajiet pubbliċi. Lanqas ma tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjoni tal-gwerra. | 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija u mill-awtoritajiet pubbliċi***, mill-kolletturi u l-korpi li jwettqu attivitajiet marbuta mal-aspetti kulturali u storiċi tal-armi u rikonoxxuti bħala tali mill-Istati Membri li huma stabbiliti fit-territorju tagħhom***. Lanqas ma tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjoni tal-gwerra. |

Or. bg

**Emenda 406**
**Richard Sulík, Jussi Halla-aho, Tomáš Zdechovský, Bernd Kölmel, Ulrike Trebesius, Joachim Starbatty, Anders Primdahl Vistisen, Jørn Dohrmann, Bernd Lucke, Angel Dzhambazki, Branislav Škripek, Petr Mach, Ivan Štefanec, Eduard Kukan, Anna Elżbieta Fotyga, Edward Czesak, Tomasz Piotr Poręba, Hans-Olaf Henkel, Jan Zahradil, Timothy Kirkhope**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija ***u mill-awtoritajiet*** pubbliċi. Lanqas ma tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' ***armi u munizzjon tal-gwerra***. | 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija***, l-awtoritajiet*** pubbliċi ***jew minn kolletturi u korpi interessati fl-aspetti kulturali jew storiċi tal-armi u li huma rikonoxxuti bħala tali mill-Istat Membru li huma stabbiliti fit-territorju tagħhom***. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti |

| | |
|---|---|
| | kummerċjali ta' ***prodotti tal-industrija tad-difiża***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*This proposal aims to allow for exceptional authorization for these bodies, rather than leaving them out of the scope of the Directive, as it is provided for in the current Directive. In the last sentence, we suggest replacing the vague and undefined "weapons and ammunition of war" with the term "products of the defence industry", which is defined in the Directive 2009/43/EC and which is associated with a complex system of controls and oversight. The derogation, if tied to that Directive´s regime, would serve as a safeguard against any theoretical abuse of that derogation. Given that Directive 2009/43/EC is of a later date than the most recent amendment of the Firearms Directive, this could also be viewed as simple adaptation of the Firearms Directive to later legislation.*

**Emenda 407**
**Mylène Troszczynski, Franz Obermayr, Harald Vilimsky, Lorenzo Fontana, Bruno Gollnisch, Philippe Loiseau, Gilles Lebreton, Marie-Christine Boutonnet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi ***armati***, ***mill-pulizija u mill-awtoritajiet*** pubbliċi. Lanqas ma tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' ***armi u munizzjon tal-gwerra***. | 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi ***nazzjonali tad-difiża, inklużi l-armata, il-pulizija jew l-awtoritajiet*** pubbliċi ***jew minn kolletturi u korpi kkonċernati fl-aspetti kulturali jew storiċi tal-armi***. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' ***prodotti tal-industrija tad-difiża***. |

Or. en

**Emenda 408**
**Dita Charanzová, Hilde Vautmans, Antanas Guoga, Petr Ježek**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi ***armati***, ***mill-pulizija u mill-awtoritajiet*** pubbliċi. Lanqas ma tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta’ armi u munizzjoni tal-gwerra. | 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi ***tad-difiża nazzjonali, li jinkludu l-unitajiet kollha u l-persuni taħt il-kmand tagħhom jew fir-riservi tagħhom, inkluż il-militar, il-pulizija jew awtoritajiet*** pubbliċi ***oħra***. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta’ armi u munizzjon tal-gwerra. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-riservisti jew milizzja li jeżistu f'xi Stati Membri mhux dejjem jistgħu jiġu deskritti bħala "persuni taħt il-kmand" tal-forzi armati. Huwa propost li jkun hemm referenza aktar preċiża għas-sistema tar-riservisti.*

**Emenda 409**
**Jiří Maštálka, Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi ***armati***, ***mill-pulizija u mill-awtoritajiet*** pubbliċi. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta’ armi u munizzjon tal-gwerra. | 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi ***tad-difiża nazzjonali, li jinkludu l-unitajiet kollha u l-persuni taħt il-kmand tagħhom jew fir-riservi tagħhom, inkluż il-militar, il-pulizija jew awtoritajiet*** pubbliċi ***oħra***. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti |

kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra.

Or. en

**Emenda 410**
**Olga Sehnalová, Pavel Poc, Miroslav Poche**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi ***armati***, ***mill-pulizija u mill-awtoritajiet*** pubbliċi. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra. | 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi ***tad-difiża nazzjonali, li jinkludu l-unitajiet kollha u l-persuni taħt il-kmand tagħhom jew fir-riservi tagħhom, inkluż il-militar, il-pulizija jew awtoritajiet*** pubbliċi ***oħra***. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-riservisti jew milizzja li jeżistu f'xi Stati Membri mhux dejjem jistgħu jiġu deskritti bħala "persuni taħt il-kmand" tal-forzi armati. Huwa propost li jkun hemm referenza aktar preċiża għas-sistema tar-riservisti.*

**Emenda 411**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi ***armati***, ***mill-pulizija u mill-awtoritajiet*** pubbliċi. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra. | 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi ***tad-difiża nazzjonali, li jinkludu l-unitajiet kollha u l-persuni taħt il-kmand tagħhom inkluż il-militar, il-pulizija jew awtoritajiet jew korpi*** pubbliċi ***oħra***. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra. |

Or. en

**Emenda 412**
**Jiří Pospíšil**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi ***armati***, ***mill-pulizija u mill-awtoritajiet*** pubbliċi. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra. | 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi ***tad-difiża nazzjonali, li jinkludu l-unitajiet kollha u l-persuni taħt il-kmand tagħhom jew fir-riservi tagħhom, inkluż il-militar, il-pulizija jew awtoritajiet*** pubbliċi ***oħra***. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra. |

Or. en

**Emenda 413**
**Lucy Anderson, Catherine Stihler**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**

Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija ***u mill-awtoritajiet*** pubbliċi. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra. | 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, ***meta,*** skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija ***jew awtoritajiet*** pubbliċi ***awtorizzati***. Lanqas ma għandha tapplika, ***meta, skont il-liġi nazzjonali,*** għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra. |

Or. en

**Emenda 414**
**Robert Jarosław Iwaszkiewicz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – punt 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, ***mill-forzi*** armati***, mill-pulizija*** u mill-awtoritajiet pubbliċi. Lanqas ma tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjoni tal-gwerra. | 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, ***minn unitajiet u forzi*** armati ***nazzjonali*** u mill-awtoritajiet pubbliċi. Lanqas ma tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjoni tal-gwerra. |

Or. pl

**Emenda 415**
**Anneli Jäätteenmäki, Hannu Takkula, Nils Torvalds, Paavo Väyrynen, Marian Harkin, Jasenko Selimovic, Kaja Kallas**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE

Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija u mill-awtoritajiet pubbliċi. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra. | 2. *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

**Emenda 416**
**Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, ***mill-pulizija u mill-awtoritajiet*** pubbliċi. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjon tal-gwerra. | 2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, ***il-pulizija jew l-awtoritajiet*** pubbliċi. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ***rregolati mid-Direttiva 2009/43/KE***. |

Or. en

**Emenda 417**
**Marlene Mizzi, Alfred Sant, Roberta Metsola**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-mużewijiet u kolletturi rikonoxxuti u liċenzjati bħala tali mill-Istat Membru li huma stabbiliti fit-territorju tiegħu, sakemm tali mużewijiet u kolletturi jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa biex jiġu indirizzati r-riskji proporzjonati għas-sigurtà jew is-sikurezza pubblika, inkluż permezz ta' ħżin sikur.*** |

Or. en

**Emenda 418**
**Robert Jarosław Iwaszkiewicz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2 a (ġdid)**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | *2a. L-Artikolu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej :* |
| Fil-liġi tagħhom l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet li huma aktar stringenti minn dawk ipprovduti f' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija lir-residenti ta' l-Istati Membri fl-Artikolu 12(2). | "Fil-liġi tagħhom l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet li huma aktar stringenti minn dawk ipprovduti f' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija lir-residenti ta' l-Istati Membri fl-Artikolu 12(2). ***Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux iwaqqfu liċ-ċittadini milli jużaw armi tan-nar bħala mezz effettiv ta' difiża jew milli jkollhom aċċess għall-armi tan-nar, sakemm dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5."*** |

Or. pl

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:31991L0477&qid=1461779614884&from=MT)*

**Emenda 419**
**Sergio Gaetano Cofferati, Virginie Rozière, Evelyne Gebhardt, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Liisa Jaakonsaari, Catherine Stihler, Biljana Borzan, Pina Picierno, Sergio Gutiérrez Prieto, Christel Schaldemose, Maria Grapini, Josef Weidenholzer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti*** tagħha li ***titqiegħed*** fis-suq ***tkun immarkata u rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***komponent essenzjali tagħha*** li ***jitqiegħdu*** fis-suq***:*** |
| | ***(a) ikun sarilhom immarkar uniku, li huwa ċar u permanenti; u*** |
| | ***(b) li dak l-immarkar huwa rreġistrat*** b'konformità ma' din id-Direttiva ***mingħajr dewmien wara l-manifattura jew l-importazzjoni fl-Unjoni***. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi għall-immarkar. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13b(2).*** |

Or. en

**Emenda 420**
**Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***jew parti*** tagħha li ***titqiegħed*** fis-suq ***tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***u komponent essenzjali*** tagħha li ***jitqiegħdu*** fis-suq ***ikunu mmarkati b'mod ċar u permanenti*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva ***mingħajr dewmien wara l-manifattura jew l-importazzjoni fl-Unjoni***.<br>***Il-Kummissjoni għandha tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għall-immarkar.*** |

Or. en

**Emenda 421**
**Jiří Maštálka, Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/97/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti tagħha li titqiegħed fis-suq tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***assemblata*** jew ***kwalunkwe komponent essenzjali, kemm jekk immanifatturati fl-Unjoni jew impurtati fl-Unjoni, ikunu mmarkati b'mod li ma jistax jitneħħa, fejn possibbli,*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva***, jew li tkun ġiet diżattivata b'konformità mad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-Artikolu 10b u rreġistrati b'konformità ma' din id-Direttiva***. ***Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għal armi tan-nar immanifatturati qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 422**
**Markus Pieper, Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti*** tagħha li ***titqiegħed*** fis-suq ***tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***assemblata*** jew ***komponent essenzjali*** tagħha li ***jinbiegħ separatament***, ***meta jitqiegħdu*** fis-suq***, ikunu mmarkati b'mod li ma jistax jitneħħa u rreġistrati b'konformità ma' din id-Direttiva, jew li jkunu ġew diżattivati b'konformità mad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-Artikolu 10b*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 423**
**Dita Charanzová, Marian Harkin, Fredrick Federley, Antanas Guoga, Petr Ježek**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti*** tagħha ***li titqiegħed fis-suq*** tkun immarkata u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***assemblata*** jew ***komponent essenzjali*** tagħha***, meta mmanifatturati jew impurtati, ikunu mmarkati b'mod li ma jistax jitneħħa u rreġistrati b'konformità ma' din id-Direttiva, jew li jkunu ġew diżattivati b'konformità mad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-Artikolu 10b*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-armi tan-nar għandhom jiġu mmarkati malli jiġu mmanifatturati jew impurtati, iżda mhux kull darba li jitqiegħdu fis-suq fejn jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn immarkar retrospettiv ikun problematiku u mhux effiċjenti (bħal pereżempju wirt jew self).*

**Emenda 424**
**Gesine Meissner, Dita Charanzová**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti tagħha li titqiegħed fis-suq tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***assemblata*** jew ***komponent essenzjali, meta mmanifatturati jew impurtati, ikunu mmarkati b'mod li ma jistax jitneħħa u rreġistrati b'konformità ma' din id-Direttiva, jew li jkunu ġew diżattivati b'konformità mad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-Artikolu 10b*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-armi tan-nar għandhom jiġu mmarkati malli jiġu mmanifatturati jew impurtati, iżda mhux kull darba li jitqiegħdu fis-suq fejn jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn immarkar retrospettiv ikun problematiku u mhux effiċjenti (bħal pereżempju wirt jew self).*

**Emenda 425**
**Olga Sehnalová, Pavel Poc, Miroslav Poche**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti*** tagħha ***li titqiegħed fis-suq tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***assemblata*** jew ***komponent essenzjali*** tagħha***, meta mmanifatturati jew impurtati, ikunu mmarkati b'mod li ma jistax jitneħħa u rreġistrati b'konformità ma' din id-Direttiva, jew li jkunu ġew diżattivati b'konformità mad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-Artikolu 10b*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-armi tan-nar għandhom jiġu mmarkati malli jiġu mmanifatturati jew impurtati, iżda mhux kull darba li jitqiegħdu fis-suq fejn jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn immarkar retrospettiv ikun problematiku u mhux effiċjenti (bħal pereżempju wirt jew self).*

**Emenda 426**
**Lambert van Nistelrooij, Jeroen Lenaers, Annie Schreijer-Pierik**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti*** tagħha ***li titqiegħed*** fis-suq ***tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***assemblata*** jew ***komponent essenzjali*** tagħha***, meta jitqiegħdu*** fis-suq***, ikunu mmarkati b'mod li ma jistax jitneħħa u rreġistrati b'konformità ma' din id-Direttiva, jew li jkunu ġew diżattivati b'konformità mad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-Artikolu 10b*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 427**
**Jiří Pospíšil**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti*** tagħha ***li titqiegħed fis-suq tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***assemblata*** jew ***komponent essenzjali*** tagħha***, meta mmanifatturati jew impurtati, ikunu mmarkati b'mod li ma jistax jitneħħa u rreġistrati b'konformità ma' din id-Direttiva, jew li jkunu ġew diżattivati b'konformità mad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-Artikolu 10b*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 428**
**Andreas Schwab, Sabine Verheyen, Angelika Niebler, Peter Liese**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti tagħha li titqiegħed*** fis-suq ***tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***assemblata*** jew ***kwalunkwe komponent essenzjali mibjugħ separatament, meta jitqiegħdu*** fis-suq***, ikunu mmarkati b'mod li ma jistax jitneħħa u rreġistrati b'konformità ma' din id-Direttiva, jew li jkunu ġew diżattivati f'konformità mad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-Artikolu 10b*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Bei einer als ganzes verkauften Feuerwaffe ist es nach dem (insoweit unveränderten) Kommissionsvorschlag ausreichend, wenn die Markierung auf dem Gehäuse angebracht ist. Die Markierung jedes einzelnen wesentlichen Bestandteils einer Feuerwaffen würde zu einer ausufernden Belastung der Sicherheitsbehörden der Mitgliedsstaaten, allein durch die Eintragung der weiteren Kennzeichnungen in die erforderlichen Register und Dokumente, führen und zu einer unverhältnismäßigen Belastung der Hersteller und (bei einer Anbringung auch auf den bereits existierenden Feuerwaffen) der Besitzer dieser Waffen führen.*

**Emenda 429**
**Marc Tarabella**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/447/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***jew parti*** tagħha li ***titqiegħed*** fis-suq ***tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***assemblati jew kull komponent essenzjali*** tagħha li ***jitqiegħed*** fis-suq ***ikunu immarkati b'mod ċar u b'mod li ma jistax jitneħħa,*** u ***jkunu irreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva ***sa minn meta jiġu mmanifatturati jew impurtati fl-Unjoni***. |

Or. fr

**Emenda 430**
**Boris Zala**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti tagħha*** li ***titqiegħed fis-suq tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***assemblata*** jew ***komponent essenzjali*** li ***jinbiegħ separatament, meta mmanifatturati jew*** |

| | |
|---|---|
| din id-Direttiva. | ***impurtati, ikunu mmarkati b'marka permanenti*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'dan il-kuntest għandu jiġi applikat il-kunċett ta' "komponent essenzjali". L-armi tan-nar għandhom jiġu mmarkati malli jiġu mmanifatturati jew impurtati, iżda mhux kull darba li jitqiegħdu fis-suq fejn jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn immarkar retrospettiv ikun problematiku u mhux effiċjenti (eż. wirt jew self).*

**Emenda 431**
**Lucy Anderson, Catherine Stihler**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull ***arma tan-nar jew*** parti ***tagħha*** li ***titqiegħed*** fis-suq ***tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull ***komponent essenzjali, kemm jekk*** parti ***minn arma tan-nar assemblata kif ukoll jekk le,*** li ***jitqiegħed*** fis-suq ***ikun immarkat b'mod irriversibbli*** u ***rreġistrat*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 432**
**Robert Rochefort**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom | 1. L-Istati Membri għandhom |

| | |
|---|---|
| jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti*** tagħha li ***titqiegħed*** fis-suq ***tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***kull komponent essenzjali*** tagħha li ***jitqiegħdu*** fis-suq ***ikunu mmarkati b'mod li ma jistax jitneħħa*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. fr

**Emenda 433**
**Louis Michel, Gérard Deprez, Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti*** tagħha ***li titqiegħed fis-suq tkun immarkata u rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***komponent essenzjali*** tagħha ***kif definit fl-Artikolu 1(1b) ikunu mmarkati u rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. fr

**Emenda 434**
**Richard Sulík, Jussi Halla-aho, Tomáš Zdechovský, Bernd Kölmel, Ulrike Trebesius, Joachim Starbatty, Anders Primdahl Vistisen, Jørn Dohrmann, Bernd Lucke, Angel Dzhambazki, Branislav Škripek, Daniel Dalton, Petr Mach, Ivan Štefanec, Eduard Kukan, Edward Czesak, Anna Elżbieta Fotyga, Tomasz Piotr Poręba, Hans-Olaf Henkel, Jan Zahradil, Timothy Kirkhope**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***jew parti*** tagħha li ***titqiegħed*** fis-suq ***tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***u kull komponent essenzjali*** tagħha li ***jitqiegħdu*** fis-suq ***ikunu mmarkati*** u ***rreġistrati*** |

din id-Direttiva. b'konformità ma' din id-Direttiva.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jista' ma jkunx fiżikament possibbli li wieħed jimmarka u jirreġistra kull parti unika ta' kull arma tan-nar u aħna tal-ħsieb li mhux kull parti ta' arma tan-nar għandha tiġi mmarkata u rreġistrata, għaliex ħafna minnhom mhumiex indispensabbli għall-funzjonament ta' arma tan-nar. F'dan il-kuntest għandu jiġi applikat il-kunċett ta' "komponent essenzjali".*

**Emenda 435**
**Christofer Fjellner**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti*** tagħha li titqiegħed fis-suq ***tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***komponent essenzjali*** tagħha li ***jitqiegħdu*** fis-suq ***ikunu mmarkati*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 436**
**Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti*** tagħha li ***titqiegħed*** fis-suq ***tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***komponent essenzjali*** tagħha li ***jitqiegħdu*** fis-suq ***ikunu mmarkat*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. es

**Emenda 437**
**Angel Dzhambazki, Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***parti*** tagħha li ***titqiegħed*** fis-suq ***tkun immarkata*** u ***rreġistrata*** b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar jew ***komponent essenzjali*** tagħha li ***jitqiegħdu*** fis-suq ***ikunu mmarkati*** u ***rreġistrati*** b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. bg

**Emenda 438**
**Robert Jarosław Iwaszkiewicz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – punt 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***jew parti tagħha*** li titqiegħed fis-suq tkun immarkata u rreġistrata b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu kull sforz possibbli biex*** jiżguraw li kull arma tan-nar li titqiegħed fis-suq tkun immarkata u rreġistrata b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. pl

**Emenda 439**
**Vicky Ford, Anna Maria Corazza Bildt, Dita Charanzová**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**

Direttiva 91/477/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar ***jew parti tagħha*** li titqiegħed fis-suq tkun immarkata u rreġistrata b'konformità ma' din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull arma tan-nar li titqiegħed fis-suq tkun immarkata u rreġistrata b'konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 440**
**Boris Zala**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-finijiet*** tal-identifikazzjoni u t-traċċar ta' kull arma tan-nar immuntata, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li hi u tiġi mmanifatturata arma tan-nar, inkella meta tiġi impurtata fl-Unjoni, din issirilha marka unika li tkun tinkludi l-isem tal-manifattur, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u s-sena tal-manifattura, sakemm din ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje. Dan għandu jkun bla ħsara għaż-żieda tal-marka kummerċjali tal-manifattur. | ***Għall-fini*** tal-identifikazzjoni u t-traċċar ta' kull arma tan-nar immuntata ***u ta' kull komponent essenzjali li jinbiegħ separatament***, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li hi u tiġi mmanifatturata kull arma tan-nar ***u kull komponent essenzjali li jinbiegħ separatament,*** inkella meta ***titqiegħed fis-suq jew*** tiġi impurtata fl-Unjoni ***jew mill-aktar fis possibbli sussegwentement***, din issirilha marka unika li tkun tinkludi, ***sa fejn l-armi tan-nar assemblati huma kkonċernati,*** l-isem tal-manifattur, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u s-sena tal-manifattura, sakemm din ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje. Dan għandu jkun bla ħsara għaż-żieda tal-marka kummerċjali tal-manifattur. ***Komponenti essenzjali mibjugħa separatament għandhom jiġu mmarkati b'numru tas-serje. Dan ir-rekwiżit mhuwiex applikabbli għal armi tan-nar u għal komponenti essenzjali mibjugħa separatament li kienu f'ċirkolazzjoni meta*** |

***daħlet fis-seħħ din id-Direttiva Emendata.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux dejjem ikun possibbli jew prattiku li wieħed jimmarka l-armi tan-nar fil-mument li jkunu qegħdin jaqsmu l-fruntieri lejn l-Unjoni.*

**Emenda 441**
**Markus Pieper**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-finijiet*** tal-identifikazzjoni u t-traċċar ta' kull arma tan-nar immuntata, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li hi u tiġi mmanifatturata arma tan-nar, inkella meta tiġi impurtata fl-Unjoni, din issirilha marka unika li tkun tinkludi l-isem tal-manifattur, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u s-sena tal-manifattura, sakemm din ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje. Dan għandu jkun bla ħsara għaż-żieda tal-marka kummerċjali tal-manifattur. | ***Għall-fini*** tal-identifikazzjoni u t-traċċar ta' kull arma tan-nar immuntata ***u ta' kull komponent essenzjali li jinbiegħ separatament***, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li hi u tiġi mmanifatturata arma tan-nar ***u kull komponent essenzjali***, inkella meta ***titqiegħed fis-suq jew*** tiġi impurtata fl-Unjoni, din issirilha marka unika ***għal armi tan-nar assemblati*** li tkun tinkludi l-isem tal-manifattur, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u s-sena tal-manifattura, sakemm din ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje. Dan għandu jkun bla ħsara għaż-żieda tal-marka kummerċjali tal-manifattur. ***Numru tas-serje għandu jiġi mehmuż mal-komponenti essenzjali li jinbiegħu separatament. Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għal armi tan-nar jew għal komponenti essenzjali li kienu diġà fis-suq meta daħlet fis-seħħ din id-Direttiva Emendatorja.*** |

Or. en

**Emenda 442**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-finijiet*** tal-identifikazzjoni u t-traċċar ta' kull arma tan-nar immuntata, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li ***hi u tiġi mmanifatturata*** arma tan-nar, inkella meta tiġi impurtata fl-Unjoni, din issirilha marka unika li tkun tinkludi l-isem tal-manifattur, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u s-sena tal-manifattura, sakemm din ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje. Dan għandu jkun bla ħsara għaż-żieda tal-marka kummerċjali tal-manifattur. | ***Għall-fini*** tal-identifikazzjoni u t-traċċar ta' kull arma tan-nar immuntata, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, ***mingħajr dewmien wara l-manifattura ta' kull*** arma tan-nar, inkella meta ***titqiegħed fis-suq jew*** tiġi impurtata fl-Unjoni, din issirilha marka unika li tkun tinkludi l-isem tal-manifattur, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u s-sena tal-manifattura, sakemm din ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje. Dan għandu jkun bla ħsara għaż-żieda tal-marka kummerċjali tal-manifattur***, u ma għandux japplika għal armi tan-nar u komponenti essenzjali jekk jitqiesu antiki skont il-liġi nazzjonali jew destinati għal persuni awtorizzati skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6, sakemm dawn iżommu l-immarkar oriġinali li jippermetti traċċabbiltà sħiħa***. |

Or. en

**Emenda 443**
**Karl-Heinz Florenz, Bendt Bendtsen, Annie Schreijer-Pierik, Angelika Niebler, James Nicholson, Dieter-Lebrecht Koch, Markus Ferber, Boris Zala**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-finijiet*** tal-identifikazzjoni u t-traċċar ta' kull arma tan-nar immuntata, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li hi u tiġi mmanifatturata arma tan-nar, inkella | ***Għall-fini*** tal-identifikazzjoni u t-traċċar ta' kull arma tan-nar immuntata, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li hi u tiġi mmanifatturata arma tan-nar, inkella meta |

| | |
|---|---|
| meta tiġi impurtata fl-Unjoni, din issirilha marka unika li tkun tinkludi l-isem tal-manifattur, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u s-sena tal-manifattura, sakemm din ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje. Dan għandu jkun bla ħsara għaż-żieda tal-marka kummerċjali tal-manifattur. | tiġi impurtata fl-Unjoni, din issirilha marka unika li tkun tinkludi l-isem tal-manifattur, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u s-sena tal-manifattura, sakemm din ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje. Dan għandu jkun bla ħsara għaż-żieda tal-marka kummerċjali tal-manifattur. ***Komponenti essenzjali għandhom jiġu mmarkati b'numru tas-serje. Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għal armi tan-nar u komponenti essenzjali li kienu diġà fis-suq meta daħlet fis-seħħ ta' din id-Direttiva Emendatorja.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-arma tan-nar, kif ukoll il-komponent essenzjali, jeħtieġ li jiġu mmarkati. In-numru tas-serje diġà jinkludi l-informazzjoni kollha rilevanti biex b'hekk ikun biżżejjed għall-komponenti essenzjali (kif ukoll minħabba l-possibbiltà ta' nuqqas ta' spazju) li jinkludu biss in-numru tas-serje. Ir-rekwiżiti ta' mmarkar ma għandhomx ikunu applikabbli b'mod retroattiv iżda applikabbli biss għal armi tan-nar u komponenti essenzjali li jitqiegħdu fis-suq wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.*

**Emenda 444**
**Jiří Maštálka, Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) aktarx ma jkunux ta' periklu għalihom infushom, għall-ordni pubblika jew għas-sikurezza pubblika***; jekk persuna tkun instabet*** ħatja ta' reat vjolenti intenzjonat***, dan għandu jitqies bħala indikattiv ta' periklu ta' dan it-tip.*** | b) aktarx ma jkunux ta' periklu għalihom infushom ***jew għall-ħaddieħor***, għall-ordni pubblika jew għas-sikurezza pubblika***, ma jkunux instabu*** ħatja ta' reat vjolenti intenzjonat ***u jissodisfaw ir-rekwiżiti mediċi rilevanti;*** |

Or. pl

**Emenda 532**
**Louis Michel, Gérard Deprez, Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**

Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ba) jimpenjaw ruħhom biex iżommu l-armi tagħhom skont il-kriterji tal-ħżin u tat-trasport stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih huma residenti u kif imsemmi fl-Artikolu 5(1a).*** |

Or. fr

**Emenda 533**
**Maria Grapini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***"(ba) huma fil-pussess ta' ċertifikat mediku li jattesta l-istat tas-saħħa tagħhom mill-aspett psikoloġiku;"*** |

Or. ro

**Emenda 534**
**Elisabetta Gardini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-ħżin ta' armi tan-nar b'tali mod li dawn jiġu protetti mis-serq u mill-aċċess min-naħa ta' partijiet terzi mhux awtorizzati.*** |

Or. it

**Emenda 535**
**Birgit Collin-Langen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fil-każ tal-kolletturi, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw is-sjieda tal-armi tan-nar għal numru limitat ta' armi tan-nar għall-kategoriji kollha. Dan ma għandux japplika jekk dawn l-armi tan-nar isiru inoperabbli kif imsemmi f'din id-Direttiva.*** |

Or. de

**Emenda 536**
**Richard Sulík, Jussi Halla-aho, Tomáš Zdechovský, Bernd Kölmel, Ulrike Trebesius, Joachim Starbatty, Anders Primdahl Vistisen, Jørn Dohrmann, Bernd Lucke, Angel Dzhambazki, Branislav Škripek, Petr Mach, Ivan Štefanec, Eduard Kukan, Anna Elżbieta Fotyga, Edward Czesak, Tomasz Piotr Poręba, Hans-Olaf Henkel, Jan Zahradil, Timothy Kirkhope**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar għandhom ikunu permessi biss jekk, fost l-oħrajn, ikun hemm raġuni tajba. L-Istati Membri, filwaqt li mhuma taħt l-ebda obbligu f'dan ir-rigward, jistgħu jiddeċiedu li l-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar għall-fini ta', pereżempju, kaċċa, sparar fuq bersalji, difiża personali, taħriġ tar-riservisti, diversi attivitajiet xjentifiċi, tekniċi jew ta' ttestjar u r-rappreżentazzjoni teatrali ta' avvenimenti storiċi, iffilmjar jew studju storiku jista' jikkostitwixxi raġuni tajba.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-firmatarji jaqblu mal-proposta tar-rapporteur (emenda 17 tar-rapporteur) u jixtiequ li jispeċifikaw biss il-lista demostrattiva ta' finijiet leġittimi għall-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar, peress li difiża personali u taħriġ tar-riservisti huma diġà kkunsidrati bħala tali f'bosta Stati Membri.*

**Emenda 537**
**Boris Zala**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar ħżin xieraq ta' armi tan-nar, partijiet essenzjali u munizzjon, inkluż waqt it-trasport, li jiżguraw livell ta' sigurtà li jkun proporzjonat mar-riskju ta' aċċess mhux awtorizzat u n-natura u l-kategorija tal-armi tan-nar ikkonċernati.*** |

Or. en

**Emenda 538**
**Anna Maria Corazza Bildt, Roberta Metsola, Henna Virkkunen, Lambert van Nistelrooij, Jeroen Lenaers, Annie Schreijer-Pierik, Antonio López-Istúriz White, Stefano Maullu**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar ħżin xieraq u sikur ta' armi tan-nar, komponenti*** |

| | |
|---|---|
| | ***essenzjali u munizzjon, inkluż waqt it-trasport. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu rekwiżiti partikolarment għoljin għall-ħżin sikur fir-rigward ta' armi tan-nar jew munizzjon ikklassifikati fil-kategorija A.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ħżin sikur tal-armi tan-nar huwa importanti biex jiġi żgurat li armi tan-nar ma jispiċċawx f'idejn ħżiena.*

**Emenda 539**
**Olga Sehnalová, Pavel Poc, Miroslav Poche**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar ħżin xieraq ta' armi tan-nar, partijiet essenzjali u munizzjon, inkluż waqt it-trasport, li jiżguraw livell ta' sigurtà li jkun proporzjonat mar-riskju ta' aċċess mhux awtorizzat u n-natura u l-kategorija tal-armi tan-nar ikkonċernati.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjoni għandha tiffoka fuq komponenti essenzjali u mhux partijiet.*

**Emenda 540**
**Dita Charanzová, Marian Harkin, Kaja Kallas, Antanas Guoga, Petr Ježek**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**

Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar ħżin xieraq ta' armi tan-nar, partijiet essenzjali u munizzjon, inkluż waqt it-trasport, li jiżguraw livell ta' sigurtà li jkun proporzjonat mar-riskju ta' aċċess mhux awtorizzat u n-natura u l-kategorija tal-armi tan-nar ikkonċernati.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjoni għandha tiffoka fuq komponenti essenzjali u mhux partijiet.*

**Emenda 541**
**Jiří Pospíšil, Michaela Šojdrová**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar ħżin xieraq ta' armi tan-nar, partijiet essenzjali u munizzjon, inkluż waqt it-trasport, li jiżguraw livell ta' sigurtà li jkun proporzjonat mar-riskju ta' aċċess mhux awtorizzat u n-natura u l-kategorija tal-armi tan-nar ikkonċernati.*** |

Or. en

**Emenda 542**
**Jiří Maštálka, Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar ħżin xieraq ta' armi tan-nar, partijiet essenzjali u munizzjon, inkluż waqt it-trasport, li jiżguraw livell ta' sigurtà li jkun proporzjonat mar-riskju ta' aċċess mhux awtorizzat u n-natura u l-kategorija tal-armi tan-nar ikkonċernati.*** |

Or. en

**Emenda 543**
**Marlene Mizzi, Alfred Sant**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli proporzjonati dwar il-ħżin sikur u binjiet mingħajr periklu biex jiġi żgurat li l-għoti ta' liċenzja lil kwalunkwe persuna li b'mod legali takkwista jew tkun f'pussess ta' arma tan-nar jew munizzjoni jkun soġġett għall-kundizzjoni li l-armi tan-nar u l-munizzjon approvati għandhom jinżammu magħluqa b'mod sikur u separati f'tali bini u li tali armi tan-nar jinżammu mhux ikkargati.*** |

Or. en

**Emenda 544**
**Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar ħżin xieraq u superviżjoni ta' armi tan-nar, partijiet essenzjali tagħhom u munizzjon, inkluż waqt it-trasport, li jiżguraw livell ta' sigurtà li jkun proporzjonat mar-riskju ta' aċċess mhux awtorizzat u n-natura u l-kategorija tal-armi tan-nar ikkonċernati.*** |
| | ***Regoli bħal dawn għandhom jistipulaw li:*** |
| | ***(a) l-armi tan-nar u l-munizzjon għandhom jinħażnu f'post differenti minn xulxin;*** |
| | ***(b) l-arma tan-nar, il-komponenti essenzjali tagħha u l-munizzjon meta ma jkunux qed jintużaw għandhom jinħażnu f'kaxxaforti; u*** |
| | ***(c) il-persuna li hija fil-pussess tal-arma tan-nar, il-komponenti essenzjali tagħha u l-munizzjon għandu jkollha kontroll fuqhom.*** |

Or. en

**Emenda 545**
**Louis Michel, Gérard Deprez, Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' serq ta' armi tan-nar ta' proprjetà privata li huma kklassifikati fi-kategorija B, l-Istati Membri għandhom*** |

| | |
|---|---|
| | ***jipprovdu għal kriterji ta' sigurtà għall-ħżin, għall-pussess u għat-trasport ta' armi tan-nar u ta' munizzjon. Il-kriterji għandhom ikunu xierqa għal-livell ta' periklu tal-arma tan-nar u n-numru tal-armi tan-nar miżmuma.*** |
| | ***Qabel ma tingħata awtorizzazzjoni għall-pussess ta' arma tan-nar, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-individwi privati jagħtu prova li huma fil-pussess ta' apparat ta' sigurtà xieraq għall-ħżin tal-armi tan-nar, skont kif previst fil-leġiżlazzjoni tagħhom.*** |

Or. fr

**Emenda 546**
**Birgit Collin-Langen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 1b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. L-akkwirent minn wirt għandu immedjatament jikkuntattja lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tiegħu, sabiex ifittex awtorizzazzjoni għall-pussess ta' arma tan-nar. Jekk jintwera li m'hemmx bżonn ta' dan, l-armi tan-nar u l-munizzjon li huma soġġetti għal awtorizzazzjoni għandhom isiru inoperabbli kif imsemmi f'din id-Direttiva.*** |

Or. de

**Emenda 547**
**Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**

Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Stati Membri differenti għandhom sistemi differenti biex jikkontrollaw jekk persuni humiex f'pożizzjoni li jkunu f'pussess ta' armi tan-nar, anke minn perspettiva medika. It-tibdil sinifikanti ta' sistemi li jaħdmu tajjeb ma jżidx is-sigurtà b'mod sinifikanti.*

**Emenda 548**
**Marian Harkin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u*** jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The Commission has not produced any explanation or justification for the requirement of medical tests linked to the issuing and renewal of authorisations for category B firearms. 9 Standard medical checks would mean burdensome, non-risk based requirements being*

*introduced which would provide no additional benefit for public safety. It could further hinder the development of better systems and stifle continuous improvements based on sound risk management. The current system, where licenses can be withdrawn if there is reason to believe that a person is unfit to possess a firearm is effective and proportionate. Moreover, to impose standards for medical checks on the Member States, the EU would obstruct the competence of the Member States, as this can be better regulated at national level in accordance with the subsidiarity principle.*

**Emenda 549**
**Richard Sulík, Jussi Halla-aho, Tomáš Zdechovský, Bernd Kölmel, Ulrike Trebesius, Joachim Starbatty, Anders Primdahl Vistisen, Jørn Dohrmann, Bernd Lucke, Angel Dzhambazki, Branislav Škripek, Daniel Dalton, Petr Mach, Ivan Štefanec, Eduard Kukan, Anna Elżbieta Fotyga, Edward Czesak, Tomasz Piotr Poręba, Hans-Olaf Henkel, Jan Zahradil, Timothy Kirkhope**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u*** jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm diversi modi kif wieħed jikkontrolla l-idoneità fiżika u mentali ta' persuna, u t-testijiet mediċi huma mod konċepibbli u mhux neċessarjament effettiv minnhom. Aħna nippreferu nħallu din l-għażla f'idejn l-Istati Membri.*

**Emenda 550**
**Karl-Heinz Florenz, Bendt Bendtsen, Annie Schreijer-Pierik, Angelika Niebler, James Nicholson, Dieter-Lebrecht Koch, Markus Ferber, Boris Zala, Markus Pieper**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**

Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1*** u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom ***jimmonitorjaw l-awtorizzazzjonijiet ta' armi tan-nar*** u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tkun kompetenza tal-Istati Membri biex jiddeċiedu dwar testijiet mediċi (kwistjoni ta' sussidjarjetà).*

**Emenda 551**
**Mylène Troszczynski, Franz Obermayr, Harald Vilimsky, Lorenzo Fontana, Bruno Gollnisch, Philippe Loiseau, Gilles Lebreton, Marie-Christine Boutonnet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ ***jew għat-tiġdid*** ta' awtorizzazzjonijiet ***kif imsemmi fil-paragrafu 1*** u ***jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet*** jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet u ***għandhom jirtirawhom*** jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. en

**Emenda 552**
**Sergio Gaetano Cofferati, Virginie Rozière, Evelyne Gebhardt, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Liisa Jaakonsaari, Biljana Borzan, Marc Tarabella, Pina Picierno, Sergio**

**Gutiérrez Prieto, Nicola Danti, Lucy Anderson, Maria Grapini, Josef Weidenholzer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***testijiet mediċi*** standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***test mediku*** standard***, li jikkonsisti f'evalwazzjoni tal-kapaċitajiet fiżiċi u konjittivi u l-benesseri psikoloġiku tal-persuna kkonċernata,*** għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. en

**Emenda 553**
**Anneli Jäätteenmäki, Hannu Takkula, Nils Torvalds, Paavo Väyrynen, Jasenko Selimovic**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu testijiet*** mediċi ***standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1*** u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ***ipprovduti ma tkunx issodisfata***. | L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ ibbażata fuq valutazzjonijiet affidabbli ta' riskju futur ta' mġiba vjolenti, inkluż, jekk jitqies neċessarju, kontrolli*** mediċi***, li jistgħu jsiru fuq bażi kontinwa jew perjodika, għall-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar,*** u ***għandhom*** jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ***li abbażi tagħha jkun ġie awtorizzat l-akkwist jew il-pussess ma jkunux issodisfati aktar***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Standardised medical and psychological tests are not helpful in screening for risk of personal violence. Health services actions are limited to the assessment of whether the general health and functional capacity of the applicant renders them fit to carry a firearm.Assessment of psychological,psychiatric and other medical contraindications to the carrying of a firearm are limited to poor vision and clinically significant memory problems, even in a thorough medical check-up. The same apply to standard psychological examinations. Information on earlier violent behaviour and other criminality are the most reliable risk factors. According to leading experts in criminal psychiatry, specially trained police officerswith unlimited access to comprehensive police registers have the best chance ofmaking valid assessments of future risk of violence.*

**Emenda 554**
**Marlene Mizzi, Alfred Sant**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprovdu testijiet mediċi ***standard*** għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***l-possibbiltà ta'*** testijiet mediċi ***jew psikoloġiċi*** għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1, ***biex jistabbilixxu li l-istat ta' saħħa fiżika jew mentali ta' persuna mhijiex tali li tkun inkompatibbli mal-pussess ta' armi tan-nar,*** u ***għandhom*** jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. en

**Emenda 555**
**Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu testijiet*** mediċi ***standard*** għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ, inkluż kontrolli*** mediċi ***tal-abbilità fiżika, konjittiva u psikoloġika tal-persuna kkonċernata biex tkun fil-pussess ta' arma, li jistgħu jsiru fuq bażi kontinwa jew perjodika,*** għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. en

**Emenda 556**
**Robert Jarosław Iwaszkiewicz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet ***kif imsemmi fil-paragrafu 1*** u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet ***għall-akkwist u għall-pussess tal-armi tan-nar*** u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. ***Wara t-test inizjali, għandhom jitwettqu testijiet ġodda, fejn wieħed ma jistax jeħel fihom, f'intervalli ta' mhux aktar minn 10 snin.*** |

Or. pl

**Emenda 557**
**Robert Rochefort**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**

Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprovdu testijiet mediċi ***standard*** għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ***ipprovduti*** ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom jipprovdu testijiet mediċi għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1***, għall-akkwist u l-pussess tal-armi tan-nar,*** u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ***li fuqhom hija bbażata l-awtorizzazzjoni għall-akkwist jew għall-pussess*** ma tkunx issodisfata. |

Or. fr

**Emenda 558**
**Andreas Schwab, Sabine Verheyen, Angelika Niebler, Markus Pieper, Peter Liese**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***għandhom jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata***. | L-Istati Membri ***jistgħu jagħmlu l-ħruġ jew it-tiġdid ta' awtorizzazzjoni soġġett għal testijiet mediċi jew psikoloġiċi***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-prattika, it-testijiet mediċi u psikoloġiċi standardizzati ma jagħmluhiex possibbli biex jiġu identifikati tali persuni li ma għandhomx jirċievu l-awtorizzazzjonijiet. It-testijiet mediċi jew psikoloġiċi għandhom jitħallew fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri.*

**Emenda 559**
**Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprovdu testijiet ***mediċi*** standard ***għall-ħruġ*** jew ***għat-tiġdid*** ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom jipprovdu testijiet standard ***li huma adattati f'konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Istati Membri biex tiġi vverifikata l-adegwatezza qabel il-ħruġ*** jew ***it-tiġdid*** ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. sv

**Emenda 560**
**Othmar Karas, Claudia Schmidt, Paul Rübig, Heinz K. Becker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu testijiet*** mediċi ***standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1*** u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ***ipprovduti*** ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ li tinkludi l-possibbiltà ta' kontrolli*** mediċi ***xierqa, li jistgħu jkunu fuq bażi kontinwa jew perjodika, għall-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar,*** u ***għandhom*** jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ***li abbażi tagħha jkun ġie permess l-akkwist jew il-pussess*** ma tkunx issodisfata. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dan jappoġġja l-Emenda 46 imressqa minn Vicky Ford bl-eċċezzjoni ta' testijiet mediċi obbligatorji. Dawn it-testijiet jimplikaw ħafna burokrazija u spejjeż, u ma jiżgurawx li s-sidien ta' armi tan-nar potenzjalment perikolużi ma jkunx jista' jkollhom armi tan-nar. Fl-Istati Membri hemm ukoll nuqqas ta' kriterji unformi biex jiġi stabbilit meta l-awtorizzazzjonijiet tal-armi tan-nar għandhom jiġu rtirati jew meta l-individwi ma għandhomx jingħataw permess biex jixtru armi tan-nar minħabba raġunijiet mediċi.*

**Emenda 561**
**Gesine Meissner**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/447/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata***. | L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ ibbażata fuq valutazzjonijiet affidabbli ta' riskji ta' mġiba vjolenti***. ***L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar in-natura ta' kwalunkwe kontroll mediku li għandu jsir għall-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar, u jekk tali kontrolli għandhomx iseħħu fuq bażi kontinwa jew perjodika.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-testijiet mediċi għandhom ikunu obbligatorji biss meta jingħataw l-awtorizzazzjonijiet fl-ewwel lok. Il-ħtieġa u n-natura tat-testijiet mediċi għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni għandhom jiġu deċiżi mill-Istati Membri, filwaqt li jitqies li l-Istati Membri għandhom sistemi differenti fit-tiġdid ta' permess għall-pussess ta' armi tan-nar.*

**Emenda 562**
**Anna Maria Corazza Bildt, Petri Sarvamaa, Ildikó Gáll-Pelcz, Eva Paunova, Othmar Karas, Lambert van Nistelrooij, Annie Schreijer-Pierik, Stefano Maullu**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**

Direttiva 91/447/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu testijiet*** mediċi ***standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1*** u għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ li tista' tinkludi kontrolli*** mediċi***, li jistgħu jsiru fuq bażi kontinwa jew perjodika, għall-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar,*** u għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom sistemi differenti fis-seħħ biex jikkontrollaw li persuni li huma fiżikament u mentalment adatti biss ikollhom il-possibbiltà li jkunu f'pussess ta' armi tan-nar. F'bosta Stati Membri t-tobba għandhom obbligu li jirrapportaw lill-awtoritajiet rilevanti jekk għal xi raġuni jsibu individwu mhux adatt biex ikun fil-pussess ta' armi tan-nar.*

**Emenda 563**
**Henna Virkkunen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/447/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu testijiet*** mediċi ***standard*** għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ, inklużi, fejn xieraq, kontrolli*** mediċi**,** għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. en

**Emenda 564**
**Christel Schaldemose**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. da

**Emenda 565**
**Maria Grapini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprovdu testijiet mediċi standard għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom jipprovdu testijiet mediċi standard ***annwali*** għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. ro

**Emenda 566**
**Philippe Juvin, Brice Hortefeux**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**

Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu testijiet mediċi ***standard*** għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu testijiet mediċi għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. fr

**Emenda 567**
**Nuno Melo**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***testijiet mediċi standard għall-ħruġ*** jew ***għat-tiġdid*** ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. | L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***għall-produzzjoni ta' ċertifikat mediku għall-finijiet ta' ħruġ*** jew ***tiġdid*** ta' awtorizzazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet ipprovduti ma tkunx issodisfata. |

Or. pt

**Emenda 568**
**Marc Tarabella**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/447/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu*** |

| | |
|---|---|
| | ***wkoll għall-għarfien tar-regoli applikabbli u l-kapaċità li wieħed juża arma tan-nar li għandha tiġi ttestjata għall-finijiet tal-għoti tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.*** |

Or. fr

**Emenda 569**
**Marcus Pretzell**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu lill-persuni residenti fit-territorju tagħhom milli jkollhom pussess ta' arma mixtrija fi Stat Membru ieħor sakemm l-akkwist ta' din l-arma ma jkunx ipprojbit fit-territorju tagħhom stess**.** | L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu lill-persuni residenti fit-territorju tagħhom milli jkollhom pussess ta' arma mixtrija fi Stat Membru ieħor***:*** |
| | – sakemm l-akkwist ta' din l-arma ma jkunx ipprojbit fit-territorju tagħhom stess, |
| | *–* ***jekk il-linji gwida għall-eżaminazzjoni tal-persuni fl-Istati Membri l-oħrajn mhumiex paragunabbli ma' dawk tal-Istati Membri li jimponu l-projbizzjoni.*** |

Or. de

**Emenda 570**
**Maria Grapini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu lill-persuni residenti fit-territorju tagħhom | L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu lill-persuni residenti fit-territorju tagħhom |

| | |
|---|---|
| milli jkollhom pussess ta’ arma akkwistata fi Stat Membru ieħor sakemm l-akkwist ta' arma bħal din ma jkunx ipprojbit fit-territorju tagħhom stess. | milli jkollhom pussess ta’ arma akkwistata fi Stat Membru ieħor sakemm l-akkwist ta' arma bħal din ma jkunx ipprojbit fit-territorju tagħhom stess ***u sakemm dawk il-persuni ma jkunux fil-pussess ta' ċertifikat li jattesta l-istat tas-saħħa tagħhom li jkun inħareġ inqas minn sena qabel;*** |

Or. ro

**Emenda 571**
**Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu lill-persuni residenti fit-territorju tagħhom milli jkollhom pussess ta’ arma akkwistata fi Stat Membru ieħor sakemm l-akkwist ta' arma bħal din ma jkunx ipprojbit fit-territorju tagħhom stess. | L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu lill-persuni residenti fit-territorju tagħhom milli jkollhom pussess ta' arma ***tan-nar*** mixtrija fi Stat Membru ieħor sakemm l-akkwist ta' ***dan it-tip*** ta' arma ***tan-nar*** ma jkunx ipprojbit fit-territorju tagħhom stess. |

Or. en

**Emenda 572**
**Sergio Gaetano Cofferati, Virginie Rozière, Evelyne Gebhardt, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Liisa Jaakonsaari, Biljana Borzan, Marc Tarabella, Pina Picierno, Sergio Gutiérrez Prieto, Lucy Anderson, Christel Schaldemose, Maria Grapini, Josef Weidenholzer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bla ħsara għall-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu jew iżommu sistema ta'*** |

***monitoraġġ fuq bażi kontinwa jew perjodika.***

Or. en

**Emenda 573**
**Marc Tarabella**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/447/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-ħżin sikur tal-armi tan-nar, tal-komponenti essenzjali tagħhom, kif ukoll tal-munizzjon tagħhom.*** |

Or. fr

**Emenda 574**
**Philippe Juvin, Brice Hortefeux**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-kollezzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1h) tikkostitiwixxi raġuni valida għall-akkwist u għall-pussess tal-armi tal-kategoriji B, C, u D għall-persuni li għandhom tal-inqas 18-il sena u li x'aktarx ma jkunux ta' periklu għalihom infushom, għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika. Kundanna għal reat intenzjonat vjolenti għandha titqies bħala indikattiva ta' tali periklu.*** |

Or. fr

**Emenda 575**
**Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. It-testijiet imwettqa qabel ma tinħareġ l-awtorizzazzjoni sabiex wieħed ikun fil-pussess ta' arma tan-nar għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' idoneità li fir-rigward tagħhom l-awtorità rilevanti hija responsabbli biex jiġi aċċertat jekk il-kriterji speċifikati ġewx issodisfati. Il-kriterji speċifikati mill-Istati Membri għandhom jirriflettu wkoll ir-raġuni mogħtija għall-pussess tal-armi tan-nar.*** |

Or. sv

**Emenda 576**
**Sergio Gaetano Cofferati, Virginie Rozière, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Liisa Jaakonsaari, Biljana Borzan, Marc Tarabella, Pina Picierno, Sergio Gutiérrez Prieto, Nicola Danti, Lucy Anderson, Christel Schaldemose, Maria Grapini, Josef Weidenholzer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jekk xi kundizzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu ma tibqax tkun issodisfata.*** |

Or. en

**Emenda 577**
**Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu ħlas fi flus kontanti fir-rigward tal-akkwist ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon.*** |

Or. en

**Emenda 578**
**Richard Sulík, Jussi Halla-aho, Tomáš Zdechovský, Bernd Kölmel, Ulrike Trebesius, Joachim Starbatty, Anders Primdahl Vistisen, Jørn Dohrmann, Bernd Lucke, Angel Dzhambazki, Branislav Škripek, Petr Mach, Ivan Štefanec, Eduard Kukan, Anna Elżbieta Fotyga, Edward Czesak, Tomasz Piotr Poręba, Hans-Olaf Henkel, Jan Zahradil, Timothy Kirkhope**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Din id-Direttiva hija bla ħsara għas-sjieda ta' armi tan-nar u munizzjon miksuba permezz ta' wirt. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-pussess ta' dawn l-armi tan-nar minn sidien li mhumiex awtorizzati kif xieraq.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa meħtieġ li tiġi solvuta s-sitwazzjoni ta' persuni mingħajr awtorizzazzjoni xierqa li jakkwistaw armi tan-nar permezz ta' wirt, li huwa fatt indipendenti mir-rieda tagħhom. Filwaqt li għandu jitrażżan il-pussess tagħhom u l-użu ta' tali arma tan-nar, ma għandux ikun hemm dubju fuq is-sempliċi fatt tas-sjieda tagħhom u ċerti drittijiet derivati minnhom, bħall-*

*kapaċità legali tagħhom biex ibigħu l-arma tan-nar.*

**Emenda 579**
**Philippe Juvin, Rachida Dati, Brice Hortefeux**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 5 – paragrafu 2b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. L-akkwist tal-armi tan-nar tal-kategoriji A u B u tal-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom ma għandux isir fi flus kontanti.*** |

Or. fr